Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 70 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Doriette Cuschieri

Vs

Giuseppe Azzopardi

Illum 23 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Giuseppe Azzopardi detenur tal-karta tal-identita Maltija 753355 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F' Settembru u Ottubru, 2010, appropja billi dawwar bi profit għalih jew għal persuni oħra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentemżu €2,329.37, li ġiet fdata lilu taħt titolu ili jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata jew kunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessaju għad-dannu ta' Marco Moise (passaport numru AA2850009) u/jew Moi Mar di Marco Moise.

2. B' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin

ċentemżu €2,329.37, għad-dannu ta’ Marco Moise (passaport numru AA2850009) u/jew Moi Mar di Marco Moise.

3. Sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversement preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tas-27 ta’ Settembru, 2016,[1] permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 17, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) Fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
d) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
e) Fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali ta′ nhar id-9 ta′ Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 308 u 310 (1) (a)[2] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u ikkundannatu ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, gew sospizi ghal sentejn millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532 A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta′ Malta, ordnat lil hati ihallas lill-parte leza s-somma ta′ €11,016 rapprezentanti kumpens u danni sofferti mill-parte leza.[3]

[1] Fol. 151

[2] Fi zmien li sehh ir-reat il-piena taht l-artikolu 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta′ priguneria minn tlettax il-xahar sa seba snin.

[3] €13,516 li minnhom tnaqqas l-ammont ta′ €2,500 imhallas permezz ta′ Western Union; vide fol.48

Astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma irrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Giuseppe Azzopardi, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Frar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza tilibera lill-appellant minn kull htija u piena u f' kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib xi forma ta' htija, din il-piena ghandha tkun wahda ferm aktar mita u li tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kas odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet l-appellant Giuseppe Azzopardi hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontrih u dan wara li ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha u dan ghar-raguniiet li gejjin.

1) Illi fid-data ta' l-imputazzjoni ma ingabet l-ebda prova li l-appellant kien ghamel xi qliegh minn tali negozzju, anzi kkuntrarjament l-appellant kien tilef ammont sostanzzjali ta' flus.

2) Illi huwa principju kardinali li f' Malta ghandha Qrati Civili u Qrati kriminali. Dan il-kas kien gie risolt b' mod civili u ghaldaqstant ma ghandniex nizvijjaw l-Qrati taghna billi minhabba ragunijiet ulterjuri nallegaw reati kriminali meta nirrealizzaw li jista jkollna l-azzjoni taghna mhux aktar viabli civilment.

3) Illi minghajr pregudizzju ghal dak li gie sottomess fl-ewwel l-aggravju, il-pulizija naqset li tressaq prova sabiex tipprova li l-appellant ried verament jqarraq u li fil-fatt ghamel xi qliegh. L-appellant ddepona u spjega l-fatti kollha.

F' dan il-kaz il-prosekuzzjoni bbazat kollox fuq dak li qal Marco Moise. ta' minn jirrimarka li meta ddepona dan Marco Moise, difiza ma nghatatx l-opportunita li

tipprepara difiza taghha u giet kostretta li taghmel il-kontro ezamijiet ftit tal minuti wara li l-istess Marco Moise kien ddepona. Dan pregudika bl-aktar mod car lill-appellant. Ir-ragunament tal-gudikant f′ dan l-istadju ma kien gust ghaliex din il-persuna kellha terga tigi Malta. Hawn si tratta li bniedem b′ sahtu jigi mill-Italja u mhux minn xi post nbieghed fl-Afrika. Id-difiza kif kienet riteniet dak nhar kellha dritt li tipprepara u taghmel kontro ezami wara li tiddiskuti l-istess mal-appellant u dan fl-umli opinjoni tad-difiza wassal ghal-krus tad-dritt fundamentali sabiex jsir gustizzja vera.

Din ix-xhieda hija l-unika prova li resqet il-prosekuzzjoni, ossia deposizzjoni ta′ Marco Moise sabiex tipprova ir-reita kontra l-appellant. L-appellant jissottometti bir-rispett kollu li dawn il-provi li resqet il-prosekuzzjoni ma humiex provi cari u li huma mmirati lejn konkluzzjoni wahda li jaghtu l-impressjoni li l-appellant ghamel xi forma ta′ qliegh.

Illi ghalkemm xhud wiehed jekk emnut huwa bizzejjed sabiex kaz jigi ippruvat, il-Qorti ma setghetx b′ mod legalli kif ukoll ragonevoli tasal biex temmen dak li qal Marco Moise.

Illi f′ dan il-kaz kemm il-pulizija ezekuttiva kif ukoll l-ewwel Onorabbli Qorti emmnu dak li Marco Moise ghogbu jghid. Dan meta l-pulizija l-anqas ma riedet tibghat ghall-eridi u l-qorti ma ridetx taccedi sabiex tivverifika dak li kien qed jghid l-imputat appellant. Tant il-prosekuzzjoni emment dak li qal Moise li l′ anqas biss hadet l-isbriga li tara l-emails li huwa stess kien esebixxa. Allura l-appellant jistaqsi; kemm hu kredibli dan ix-xhud f′ dak li qal biex kemm il-pulizija kif ukoll l-Qorti emnuh b′ ghajnejnhom maghluqa? Jew ghax dan barrani?

Di piu l-Ispettur Johnattan Ferris fid-dposizzjoni tieghu qal li meta sar il-konfront gewwa l-kwartieri tal-pulizija, Marco Moise kien ammetta li din il-vertenza kienet giet sorvolata b′ mod civili u li huwa kellu jigi Malta sabiex jara xoghol.

Hawn fejn wiehed jirrimarka li kuntrarjament ghal dak allegat fis-sentenza, l-appellant ma kellux ghalfejn jaghmel xi forma ta′ enfasi li ma kienx hemm Truffa. Huwa qatt ma ghaddielu dan il-fatt mill-menti tieghu.

Fid-dawl ta' dan, l-appellant jissottometti bir-rispett li stante li f' dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tizen b' kawtela dak li qal dan ix-xhud qabel ma serhet kompletament fuq dak li qal u dan skond l**-artikolu 639(3)** tal-Kodici Kriminali.

Hawn ssir referenza ukoll ghal regolamenti li ghandhom jinzammu f' mohh il-gudikant qabel jiddeciedi jekk jemmiex xhud jew le. L-**artikolu 637 tal-Kodici Kriminali** jghid:

> *L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Illi ghalhekk meta kaz ikun ibbazat fuq il-kredibilita ta' xhud wiehed biss, kif del resto huwa dan il-kaz, il-Qorti trid tikkonsidra l-imgieba, kondotta u il-karattru ta' Marco Moise. l-appellant ghalhekk jaccenna ghall-fatt li ix-xhud li kemm il-pulizija kif ukoll l-ewwel Qorti ghogobha temmen huwa l-istess persuna li allegatament qalet li l-appellant mhux bniedem kwlifikat u espert fl-irham. Dan gie ppruvat waqt deposizzjoni tal-istess imputat appellant meta esebixxa certifikati relattivi. Dan ix-xhud kien l-istess persuna li ngannat lill-appellant u baghtet hawn Malta materjal ta' kwalita inferjuri u dan kif ammetta l-istess Marco Moise.

Illi l-pulizija naqset wkoll milli tara u tezamina jekk hemmx kazi ohra ta' frodi minn dan Marco Moise. Hija din il-persuna li l-Qorti kellha quddiema u hija din il-persuna li l-prosekuzzjoni ibazzat dan il-kaz kompletament fuq dak li qalet hi. Nonostante din l-imgieba u kondotta il-Qorti ghazelt li tistrieh kompletament fuq dak li qal.

Illi l-appellant jissottometti li dak li qal dan ix-xhud huwa biss gideb u tghawwig tal-fatti u skuza sabiex dak li ghamel hu jipprova ittieh lil appellant. Fil-fatt meta wiehed janalizza ix-xiehda ta' Marco Moise jinduna li din ma ghandiex mis-sewwa u ma hux dak li jigri fil-hajja ta' kuljum. Meta wiehed jikkontesta li l-materjal li kien ntbaghat ma kienx tajjeb u toffrilu biex jigi hawn Malta ghall-spejjes tal-appelant u dan sabiex jara b' ghajnejh - li l-materjal li kien wasal Malta ma kienx tal-istess kwalita patwita,-

u tibqa ma tigiex, dan juri bic-car li Marco Moise kien konsapevoli ta' dan u ried jinganna bic-car lill-appellant.

Hemm ukoll numru ta' inkonsistenzi fix-xhieda ta' Marco Moise li ukoll huma indikazzjoni sabiex ma temmiex dak li qal. Kas car huwa dak li jirrisulta mill-email li kienu ghaddejjien bejn il-partijiet u debt collector appuntat mill-istess Marco Moise, liema debt collectors baqghu mhux mhallsa. Dan huwa mod li bih jahdem dan Moise. (emails esebiti)

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti kellha tiskarta kompletament din ix-xhieda li ta' Marco Moise peress li ma hiex xhieda tajba u veritiera biex tistrieh fuqha.

Semghet lill-parte civile tghid waqt is-seduta tas-16 ta' Frar, 2021 li hija thalset ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha u li ma kellhiex aktar pretensjonijiwt ultejuri fil-konfront tal-appellant. In olte quddiem l-avukat difensur taghha l-parte civile stqaret li ma kellhiex interess fl-esitu ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat.

Illi nhar l-4 ta' Marzu, 2016 xehed l-**Ispettur Jonathon Ferris** u spjega li kien ircieva kwerela minghad Dr John Bonello f'isem Marco Moise ghan nom ta' socjeta Taljana. Dr Bonello allega li kien hemm frodi u misappropriazzjoni minn naha ta' l-appellant f'isem u bhala operator tan-negozju kummercjali Bottega del Marmista u dan fl-ammont ta' €13,516.48. Din is-somma kienet tirrappresenta pagament fuq zewg containers ta' slabs ta' l-irham li Moise kellu jixxipja lill-appellant hawn Malta.

L-appellant kien spejgalu li kien mar barra minn Malta u cioe l-Italja fejniltaqa' ma Moise u in segwitu tal-ftehim taghhom kien tah depsoitu fl-ammont ta' €2,500 biex Moise jibghatlu l-irham li kien ra. L-appellant jghid li kien qal lil Moise beix jibghatlu 'il piu chiaro possibile' pero Moise jichdu u jghid li l-appellant kien ra l-prodott l-Italja u kien ordna proprju lilu. Qallu li meta in segwitu l-irham wasal Malta dan kien mimli hziez jigifieri haxix ahdar imqabbad mieghu u kien hemm anke xi slugs imqabdin mieghu. Qallu li l-materjal ma kienx sknd il-kwalita kif xtaq hu u ghalhekk waslu fi ftehim li l-appellant kellu ihallas is-somma ta' €15,000 u minn din is-somma titnaqqas id-depositu. Jghid lil-appellant kien ghaddhielu cekk fl-ammont ta' €13,561 bhala garanzija meta saret l-ordni pero dan ic-cekk ma kellux jissarraf u kien ghadu pendenti peress li kien hariglu *stop payment* fuqu.

Mistoqsi x'ghamel bil-materjal qallu li 75% minnu kien bieghu lil certu George Muscat izda mieghu kellu kwistjoni minhabba il-kwalita tal-irham li eventwalment kien tpogga. Qallu li fil-fatt kien halsu biss is-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000) ghal *flooring* mis-somma mifthema ta' €24,000 u fil-frattemp kien miet. Irrizultalu ukoll pero li l-€10,000 li kien ircieva minghand Muscat qatt ma ghaddew ghand Moise u Moise baqa' biss bid-depositu ta' €2,500 li kien ircieva originarjament.

Huwa esebixxa l-istqarrija tal-appellant li giet markata bhala dok JF u d-dikjarazjoni tar-rifjut markata bhala dok JF1.

**Marco Moise** xehed nhar l-25 ta' Mejju 2016 u spjega li kien l-appellant li kelmu l-ewwel permezz ta' email f'Awissu 2010 meta kien qed ifittex xi irham Carara. Qal li kienu tkelmu fuq it-telefon u ghamlu appuntament sabiex l-appellant imur Carara u jara l-irham. L-appellant mar u iltaqghu u marru jaraw l-irham u wara hadu jara l-bariera ta' l-irham. Dakinhar stess l-appellant kien ordna xi blokki minghandu u minn dawn il-blokki kellhom jinqatghu l-folji. Fil-fatt jiccara u jghid li l-folji gew maghzula mill-appellant stess. Dakinhar kien tah cekk bhala garanzija fl-ammont ta' circa €13,400 u fil-fatt huwa pprezenta dan ic-cekk datat 16 ta' Ottubru 2010 (post dated b'xahar) li kien fl-ammont ta' €13,516,48 li gie markat bhala dok MM. L-intendiment kien li dan ic-cekk jinqata' wara li jkun ircieva l-hlas tal-konsenja. Qal li kien hareg invoice datat 16 ta' Settembru 2010 li kopja tieghu gie esebit u markat bhala dok MM1. L-irham in segwitu wasal Malta u l-appellant ma marx jigbor l-irham mill-ewwel. Moise kien cempillu u qallu li ser jibdew jehlu l-port fees jekk l-merkanzija ma tingabarx. Ftit wara kien baghtlu BOV *bank deposit slip* permezz ta' email li giet esebita bhala dok MM2 fejn allegatament kien halsu l-ammont tac-cekk li kellu f' idu u ghalhekk huwa irrilaxja l-merkanzija.

Huwa stenna ghaxart ijiem biex dawn il-flejjes jigu klerjati ghaliex skond l-appellant kellhom jghaddu il -Germanja qabel ma jigu imsarfa l-Italja u dan ghaliex qallu li ma kienx hemm direct transfer. Huwa baqa' jistenna dawn il-flejjes u fil-fatt baghtlu diversi emails fejn talbu l-flus. Stqarr li fl-emails kien hemm biss talba ghal flus u mhux biex il-containers jigu rilaxxjatai ghaliex dawn kienu gja gew rilaxxjatai ghand l-appellant. Qal li beda isaqsi ghal spjegazzjonijiet ghaliex l-pagament ma kienx wasallu. L-appellant baqa' jinsisti mieghu li kien ghamel it-transfer u li jekk il-Bank ma kienx ser jibghatlu l-flus kien ser ighalaq il-kont li kellu mal-bank. L-email li

baghat l-appellant fejn qed jindika li l-pagament ghadda hi markata bhala dok MM3 ex admissed jikteb '*…oggi vado in banca e se non mi danno una risposta definittiva cancello il bonifico e cheido risarcimenti*.' A fol 2 tal email hemm miktub li ' *Ieri ho dimenticato di diti che ho fatto anche il bonifico per la statuette per la signora del Boutique. Docro averne entrambi dalla banca oggi o domain e le trasmetto via fax*.'

Mistoqsi jekk marx isarraf ic-cekk li kien gie mghoti jghid iva kien mar il-Bank biex jiddepositah u wara xi 6 jew 7 ijiem ic cekk kien ibbownsja u fil-fatt kellu ihallas l-ispejjez tal- bank tieghu u dawk tal- BOV. Mistoqsi jekk mghorkitux ghajnu ghaliex ic-cekk kien f' isem John Ellul jghid li iva u kien staqsa lill-appellant dwar dan u dan qallu li John Ellul kien l-amministratur tal-Bottega del Marmista.

Mistoqsi jekk l-appellant qallux li kien hemm xi bebbux mal-irham jew li ma kienx skond il-kwalita patwita jghid li le. Kien qallu li l-irham Calcattta jkun hemm xi imperfezzjonijiet fil-materjal. Qal li huwa kellu jigbor is-somma ta' €39,00 ghaz-zewg ordnijiet u minn din is-somma kien ircieva biss €2,500 permezz ta' Western Union u dan meta l-merkanzija kienet id-dwana biex b'hekk seta jirrilesjhom. Qal li vera kienu ftiehmu li kellu inaqqas l-ammont dovut izda mhux ghax kien hemm xi raguni izda ghamel hekk biex forsi jirkupra xi ftit mill-prezz. Qal li kien lest li jaccetta inqas mhux ghax il-materjal kien difettuz izda biex jigbor xi haga minn dak dovut lilu.

Qal li hafna wara li suppost ircieva il-flus u li suppost saru l- Bank transfers kien ircieva emails fejn qallu li l-materjal ma kienx skond dak miftiehem. L-emails gew markati bhala dok MM4.

Ikkonferma fil-kontro esami li l-appellant kien ghazel il-blokok tal-irham u huwa kien qattaghhom folji. Ikkonerma li c-cekk li kien gie moghti lilu mill-appellant ma kienx intiz biex jissarraf izda bhala garanzija ghal hlas. Ikkonferma li mar jipprova jiddeposita ic-cekk proprju fl-ahhar ta' Jannar meta ried jirranga is-siwwazzjoni ta' bejniethom. Fl-email Azzopardi ma keinx qed jillamenta mix-xoghol li intbaghat lilu izda xtaq li l-konsenja ta' wara ikollha 'l-fondo piu bianco'. Moise jichad li l-appellant kien talbu jigi Malta biex jara x-xoghol jitwahhal izda kien talbu qabel biex jara li hu persuna serja u importanti hawn Malta . Ikkonferma li kien ukoll tkellem ma Carmen Grech li tahdem mas- socjeta hawn Malta mgharufa bhala LSO li tiehu

hsieb tigbor flejjes mignhand xi debituri. Qal li l-appellant qatt ma kien talbu jigi Malta wara li twahhal ix-xoghol izda kienet Carmen Grech li talbitu u din ghamlitu f'kaz li kien hemm il-possibilta li jigu transatti l-kwistjonijiet ta' bejneithom. Mhux vera dak li gie suggerit lilu mid-difiza li Carmen Grech qatlu sabiex jigi Malta biex ikun hawn perizja dwar il-kwalita tal-konsenja. Jghid li huwa minnu li l-appellant kien qallu li kien studja fuq l-irham tant li huwa qallu li kien Marmalogu li kein studja l-irham f'Carrara.

Muri email fejn l-appellant stqarr li Moise kien irrabajt mieghu jghid li dik il-e mail hi datata Jannar 2011 xagehjn wara li waslet il-konsenja u cioe wara li kien ircieva l-email li allegatament kien sar il-bank transfer meta ma kienx minnu u meta mar isarraf ic-cheque dan ma issarrafx. Jghid li huwa cert minn dan 100% li l-appellant kien qallu li ' *retiro la ricevuta via fax per frti sapere che ho fatto il bonifico. Io ho ricevuto.'* Dan ifisser li qallu li kien ghamel il-hlas meta fil-fatt ma kienx minnu. Qatt ma qallu id -diskors li qed tghid id-difiza li qallu li l-flejjes kienu f'xi *floating account*. Mistoqsi jekk id-dokument tal BOV setghax tfisser li l-appellant kellu flus l- bank izda kien ser jibghathomlu u mhux li kien gja baghthom, ix-xhud wiegeb li le mhux hekk kien qallu. Fil-fatt id-data tal-email bir ricevuta tal- BOV ghandha l- istess data tal-isblok tal- merkaniza mid-dwana u dan ghaliex huwa irrilaxja il- merkanizja a bazi ta' din l-ircevuta. Huwa pprezenta tlett ritratti li gew markati bhala dok NB, NB1 u NB 2 tal-irham in kwstjoni.

**Joanne Bartolo** in rappresentanza tal-Bank of Valleta xehdet nhar il-11 ta' Awwissu, 2016 u mistoqsija xi tfisser *float account* tghid li ma ghandhom l-ebda tip ta' float account. Huma fehmu bil-kelma 'float' li ikun hemm cekk ta' bank iehor li jkun gie depositat f'kont tal-Bank of Valletta u ma jkunx ghadu gie *cleared.*

L-appellant **Giuseppe Azzopardi** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-13 ta' Frar, 2017. Spjega li huwa kein studja l-iskultura fl-irham u l-marmologija u xjenza tal-irham. Ikkonferma li kien hu li ghamel kuntatt ma Marco Moise biex ikunu jistghu jghamlu xi progetti dwar l-irham hawn Malta. Qal li ghamel sbatax-il sena jaahdem ma EMEG Industrija Marmija e Granite ta' lucca izda din is-socjeta falliet u ghalhekk kien qed ifittex business partner iehor. Qal li kien cempel lil MOise u staqsih jekk kienx kera xi cavi tal-irham minghand il-Gvern izda ma kienx il-kaz u fil-fatt meta mar jiltaqa' mieghu l-Italja dan Moise beda jurih il-yard ta' zijuh u huwa

kien qed jagixxi sempliciment bhala agent ghal zijuh. Waqt li kien hemm ghazel erba' blokki u talbu biex jaqtagghhomlu wiesgha ta' 2cm. Qal li pero l-materjal li Moise baghtlu kien kwazi karta xuga jigifieri '*warped*' kollu haxix, bebbux u kien jidher li tal-inqas kien ilu bejn hamsa u sitt snin maqtugh. Cio nonnostante pero jghid li huwa qata' dan ix-xoghol. Qal li l-kljient beda iheddu u li ser ifittxu u ghalhekk qabad u hadem bih. Qal li pero kien qallu dwar dan u darba minnhom quddiem koppja Dalmas dan dar fuqu u tah daqqa ta' ponn u kwazi tefghu ma l-art. Mistoqsi jekk ghamilx rapport dwar dan ighid li m'ghamilx pero din il-koppja kienet lesta li tixhed f' kaz ta' bzonn. Mistoqsi sabiex jipprova li huwa fil-fatt kien illamenta ma Moise dwar ix-xoghol pprezenta dokument li gie markat bhala dok GA1 li hija email li huwa baghat lil Carmen Grech fis-sena 2012. Mistoqsi x'kien ftiehem dwar il-hlas jghid li kien ftiehem ma Moise li kellu itih cekk bhala garanzija u gheluq it-30 jum minn meta l-irham jasal Malta dan kellu jmur u jibor il-flus jew inkella jghaddihomlu. Ikkonferma li kien baghat is-somma ta' €2,500 meta waslu Malta l-containers. Mistoqsi min hi Carmen Grech jghid li hi s- segretarja ta' Credit Services li jigbru d-debiti.

Qal li huwa ma baghtx il-flus lil Moise ghaliex ma kellux l-IBAN tajjeb tieghu. Enfasizza li Moise kellu jtihallas fi zmein tlettin jum minn meta ix-xoghol jigi rilaxxjat mill-port.

Qal li hwua wehhel tlett mitt metru fuq pjan wiehed u kien talab lil min ghamillu x-xoghol u fil-fatt kien tah akkont ta' ghaxart elef euro (€10,000) u bihom hallas il-qtugh tal materjal, lil haddiema u tqeghid, l-ghorik u lil min kien tefghalu ix-xoghol bil-crane u cioe ir-ramel, xahx u cemet. Qal li ma kienux bizzelled ghaliex il-kont kien €13,000 u ghalhekk hareg hu d-differenza.

Mistoqsi ghaliex ma baghtx l-materjal lura jekk ma kienx kuntent bih jghid li ma setax ghaliex kien marbut mal-persuna l-ohra . Qal li Moise beda iweghdu li kien ser imur jara x-xoghol izda qatt ma nizel Malta biex jara x-xoghol. Qal li hu ma halsux fuq punt ta' principju ghaliex kieku mar jara ix-xoghol il-flus kienu lesti biex ihalsu. Hass li din il-persuna Moise kienet qed tghaddi z-zmien bih. Qal li spicca wasal fi ftehim li kellu jghati biss is-somma ta' €15,000 una volta jigi Malta u jara ix-xoghol.Qal li kien icempillu ta' 'spiss waqt li jkun fuq l-ghant tax-xoghol.

Ikkonferma li kien hu li ghamel *stop payment* fuq ic-cheque qabel ma Moise mar isarfu. Ikkonferma li r-ritratti NB NB1 u NB2 huma ritratti tal-irham li baghat Moise. Qal li huwa ried ihalsu u ma jafx ghaliex Moise mar ghand il-pulizija u akkuzah bi frodi. Qal li profit ma ghamilx u fil-fatt spicca hareg flus mill-but.Qal li hu ma uzax il-materjal kollu ghad fadal minnu xi 325 metru kwadru mhux imwahhal. Qal ukoll li l-klijent ghad fadallu iaghtih is-somma ta' tlettax jew erbatax-il elf euro pero ma harkux ghalihom. Waqt li huwa ghandu jaghti lil Moise s-somma ta' €12,500 (€15,000 minus id-dspoit €2,500). Qal li fl-ahhar forsi jispicca ikun qala' elf euro (€1,000). Ikkonferma li ic-cekk hargu John Ellul li kien l-accountant tieghu ghaliex huwa kien kolpit b'mandat ta' sekwetru minghand id-dipartiment tal-VAT. Mistoqsi jghid jekk hux minnu kien talab lil Moise jigi hawn Malta qabel ma waslet il-konsenja jghid li jista' jkun. Ikkonferma li kien jiokkupa l-kariga ta' Headmaster gewwa l iskola ta' Targa Gap.

Fl-istqarrija tieghu rilaxxjata nhar it-30 ta' Settembru, 2014 (Dok JF fol. 20) kien kkonferma li kein ghamel negozju ma Marco Moise. Ikkonferma li kien xtara zewg containers irham Bianco Carrara u kien ftiehem mieghu li kellu jibghatlu is-somma ta' €2,500 bhala deposit bil-quddiem. Qal li meta ix-xoghol wasal Malta dan kien mimli bebbux u ma kienx skond il-kwalita patwita. Qal li minnufih kien cempel lil Marco u infurmah dwar dan u dan qallu li kien ta' kwalita tajba u ghalhekk ftiehmu li kellu jhalsu is-somma ta' €15,000 minflokk €26,000. Jghid ukoll li kien baghtlu cekk fl-ammont ta' €13,516 li huwa l-bilanc li kien ghad fadal mill-kont wara li tnaqqas id-deposit li kien ghamel. Qal li Moise pero ried li huwa ihalsu s-somma kollha ta' €15,000 minghajr ma inaqqas id-deposit. Qal li huwa kien gja baghat ic cekk pero minhabba li kien inqala' dan il-battibek ghamel *stop payment* fuqu. Mistoqsi ghaliex ic-cekk hargu John Ellul jghid li dak iz-zmien il-kumpanija kienet fi stadju ta' likwidazzjoni u dan Ellul kien qed jghinu finanzjarjament. Qal li ghamel l-*istop payment* fuq ic-cekk wara li kien tkellem ma John Ellul.

Mistoqsi x' kien ghamel bl-irham li ircieva jghid li ¾ minnu kien wehlu f' dar ta' George Muscat l- Msida peress li kien gja kkommetta ruhu mieghu. Qal li Muscat ma kienx ferhan wisq bix-xoghol li tah pero kien halsu s-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000) bhala *part payment* fuq somma ikbar. Dan baqa' jargument mieghu u baqa' ma halsux l-bilanc ta' €14,000 u li jinkludi materjal tqegghid u lostrar tal-paviment.

Mistoqsi meta kien l-ahhar kuntatt li kellu ma Moise jghid li kien xi sentejn qabel. Mistoqsi jekk il-kumpanija tieghu kelhiex xi problemi ta' cash flow ighid li dak iz-zmien ma kellhiex izda l-problemi gew wara meta marad

Ikkunsidrat

Illi l-appellant isntab hati mill-ewwel Qorti dwar ir-reat ta' Frodi u mhux dik ta' misapproprijazzjoni minn liema akkuza ahharija gie liberat u ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-ewwel Qorti setgehtx mill-provi prodotti kif riassunti aktar 'l fuq setghetx issib lill-appellant hati tar-reat ta' Frodi. Jinghad li l-appellant fil-mori tal-kawza hallas id-debitu kollu tieghu lil parte civile u li in effetti l parte civile stqarret li ma kellhiex iktar pretensjonijiet kontra l-appellant tant li ma kienitx interessata fl-esitu ta' dawn il-proceduri pero xorta ma rregistrat l-ebda ammissjoni ghar- reat ta' frodi u ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-agir tal-appellant kienx wiehed frawdolenti.

Jirrizulta bic-car li l-appellant in effetti xtara l-irham Bianco Carrara minghand Marco Moise wara li kien mar izuru l-Italja u ra l-prodott u li insegwitu l-merkanizja giet mibghuta lilu. Mhemmx dubbju u dan mhux kontestat li l-appellant kien ghamel pagament wiehed ta' €2,500 bhala depositu meta l- irham wasal Malta. L-appellant jghid li huwa ma hallasx lil Moise ghall -irham li ircieva ghaliex dan ma kienx skond il-kwalita patwita. Pero cio nonnostante xorta dehrlu li kellu juza dan l-irham jekk mhux kollu zgur tlett kwarti minnu kif jistqarr hu stess fl-istqarija tieghu u li ghad fadal 325 metri ta' dan l-irham ghandu li mhux mahdum.Jirrizulta ukoll li l-appellant thallas is-somma ta' €10,000 minghand is- sur Muscat ghat tqeghid ta' xi 300 metru ta' irham fil-fond tieghu Msida pero l-appellant dan zammhom ghalih biex hallas l-haddiema tieghu u ghal xi xoghol allegatament konness ma dan it-tqeghid pero zgur li minnhom ma ta' xejn lil Marco Moise.

Mhemmx dubbju li din il-qorti trid tara kif agixxa l-appellant sabiex Marco Moise jibghat l-irham lill-appellant u jigi irtirat minnu mill-Port ta' Malta. Din il-Qorti kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti ma hiex daqstant interessata dwar l-kwalita tal-irham li gie mibghut lill-appellant stante li din hija Qorti vestita b'kompetenza kriminali, izda li tesamina l-agir tal-appellant kif agixxa fil-konfront ta' Moise u cioe kif irnexxilu

jinganna lil Moise f'din l-azienda li spicca ha zewg containers ta' irham u hallas biss is-somma ta' €2,500.

Minn esami tal -emails esebiti u appuntu dik datata 4 ta' Dicembru, 2010 Moise kien ta' struzzjoni lil Messina lines fil-10.26 am meta qabel u cioe nhar it-28 ta' Ottubru 2020 fil-15.09 kien tahom struzzjon biex ma jikkonsenjawx l-container. Ghalhekk kollox jiddependi fuq dak li sehh bejn il-perijodu tat-28 ta' Ottubru, 2020 u l-4 ta' Novembru ta' l-istess sena. Mhemmx dubbju li Marco Moise kien awtorizza r-rilaxx tal-irham f idejn l-appellant wara id-29 ta' Ottubru, 20210 meta kien ircieva email b kopja tad-dokument bankarju li kien jindika li allegatament kien sar hlas fl-ammont precedentement indikat fl-invoice ta' €13,516.48[4]. Din is-somma hija l-istess somma li dehret fuq ic-cekk li Moise kellu f' idu bhala garanzija tal-hlas u li ma kellux jissarraf.[5] L-appellant dakinhar tal-4 ta' Novembru 2010 kien ha f' idejh il-containers bl-irham mibghuta lilu. Bhala fatti dawn mhumiex kontestati u dan hu dak li trid tesamina l-Qorti u cioe jekk l-agir tal-appellanti li suppost ghamel pagament lil Moise kienitx ir-raguni ghala Moise irrilaxja l-irham f' idejn l-appellant. Jidher li l-appellant ma kienx genwin fid-dokument li baghat u dan ghaliex ma kienitx ricevuta ta' transfer tal-flus li suppost gew mghoddija lil Moise izda dokument li jindika li kien hemm depositu ta' €13,525.00 fil-kont deposit 11296790016 pero imkien ma jidher li dan l-ammont gie akkreditat lil Moise kif inghata x'jifhem. Infatti Joanna Bartolo ghan nom tal-Bank of Valletta tghid li fis-sistema tal-Banking practice tal BOV ma jsirx depositi taht l-isem 'float'.Il-Qorti tista2qsi x'kien l-iskop li l-appellant jibghat dan id-dokument lil Moise jekk mhux biex jiggannah. Zgur ma kellux intensjoni li jurih li fil-kont tieghu kellu dan l-ammont depositat u jinkih bih!! Fil-fatt hawnhekk l-Qorti taghmel referenza ghal dak li kiteb Marco Moise fl-email tieghu datat 21 ta' Jannar 2011 mbghut fil-11.31.a.m fejn jghid b'referenza ghall-appellant ' '*Sei stato buggiardo perche mu avei garantito che il-bonifico lo lavevi fatti, mandandomi anche le ricevute della tua banca ma non ea cosi. Quella e stata solamente una truffa*.' Dan hu proprju l-agir li wassal lill-appellant sabeix jinsab hati tar-reat ta' frodi.

Jignhad ukoll li l-appellant jghid li kienhemmkoppja Dalmas likeinu xhieda ta' xi inkwiet liiqnala bejnu u bejn Moise pero ma rssaqhom xjixhdu beix jikkonferma dak

[4] Dok MM1 fol. 73
[5] Dok MM2 a fol. 75

li qal. Lanqas ma ressaq lil Carmen Grech biex tikkonferm adak li stqarr hu li kienilu jghid li l-materjal li gie konsenjat ma kienx ta' kwalita tajba.l-apellant ghogbu jsitrieh biss fuq ix-xhieda tieghu liema xhieda mhiex attendibbli u hija inveritjera .

Hawnhekk il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **il-Pulizija vs Emmanuel Ellul**[6] fejn inghad fil-ligi taghna element essenzjali ghall-esistenza tar-reat ta' truffa huwa il-*mise en scene*, cioe dawk l-artifizi jew raggiri idoneji[7] li jinducu u li efettivament ikunu inducew lill-vitma fi zball – l-ingann - u li b'konsegwenza ta' dak l-izbal il-vitma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent.

Kif jispjega il-gurista Taljan **Francesco Antolisei** b'artifizio' wiehed ghandu jifhem.

*"ogni studiatoa trasfigurazione del vero , ogni cammuffamento della realta effettuato sia simulando cioe che non esiste (per es. Richezza titoli, nome,. Qualita ecc), sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per es. Il proprio stato di insolvenza di persona congiugata o inabilitata, l'uso di una determinate cosa ecc)*[8]*."*

L-istess awtur jiddfinixxi ir-rggir bil-mod segwenti:-

*"... il raggiro .... e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita'*[9]*"* .

Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Hekk per ezempju, meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dan ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna, jew jipprova jinganna, b'wahda mill-forom kontemplati fil-ligi taghna. Kif del resto sehh f da nil-kaz meta l-appellant baghat dak id dokumetn bankarju esebit fl-atti a fol. 75 dok MM2.

---

6 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Gunju 2007
7 Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti
8 Manuale di Diritto Penale – Parte Specilae 1 Giuffre (Milano ) 1986 p. 285
9 Ibid

In fatti kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Chircop**[10] *"... biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, ma hux bizzejjed is-semplici gidba, imma jehtieg illi jkun hemm ukoll apparat esteru li jaghti fidi lil dik il-gidba".*

Pero', kif inghad, element sostanzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi imqabbla mas-serq u mal-appropjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondeni qligh. Fi kliem iehor l-awtur appena citat:

*"Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato [di truffa] e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questio reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche' il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un'arbitraria, e percio' non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri, riesce ad ottenere che la vittima si danneggi da se': consegni una cosa, assuma un'obbligazione, rinunzi ad un diritto, ecc.: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri"* [11].

Kif mistqarr fis-entenza fl-ismijeit **Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis** [12]

*"Ghar-reat ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum art. 308) tal-Kodici Kriminali, kif jidher mid-dicitura partikolarment deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrisulta materjalita specifika li sservi ta' substrat ghall-versomiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u hekk bhala mezz ta' qerq. Ma hemmx bizzejjed ghall-finijiet ta' dak l-artikolu, affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita l-affermazzjonijiet menzjonjeri tal-frodatur".*

Dan hu proprju dak li ghamel l-appellant u cioe li inganna lil Marco Moise bili baghtlu d-dokuemnt esebit fl-ati a fol 75 sabiex jgieghlu jahseb li kien qed jibghatlu l-flus biex b'hekk Marco Moise jirrilaxja l-merkanzija. Zgur li dan id-dokument hija dik ix-xi haga materjali il-"mise en scene", cioe' fatt esterjuri li ta' kreditu lil ftehim li

---

[10] Deciz mill Qorti tal Appelli Kriminali nhar is- 16 ta' Settembru, 1944. Vol. XXXII/IV/755

[11] op. cit., p. 293

[12] Deciz mill Qorti tal -Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru 1959. Vol. XLIII/IV/1137

kellhom l-appellant u Moise li l-appellant kellu ihallas l-merkanzija appena tasal hawn Malta.(vide l**-Pulizija vs PC 1205 Joseph Stivala**[13] )

L-appellant stqar minn dejjem li kien lest li ihallas lil Marco Moise ghal konsenja basta li Marco Moise imur izur l-fond ta' George Muscat biex jara l-madum minnu fornit u li stante li Moise ma marx l-appellant haseb li seta ma jhalsux tal-merkanzija. Din zgur ma hiex il-manjera ta' kif ghandu izir negozju. L-appellant jghid ukoll li hwu akellu l-flus lesti beix ihalals lil MOise appena jaal Malta pero minkejja dan dam #l fuq minn sentejn quddiem din il-Qorti sabiex igib il-flus li kienu dovuti lilu

Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha rgun tasal ghal gudizzju milqugh minnha dwar ir-reat ta' frodi li gie kommess mill-appellant.

Dwar il-piena stante li hemm aggraavju mill-piena jinghad is-segwenti.

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallet) vs John Gauci**[14], "mhux normali Ii din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva. Dan għax, kif ġie ritenut f-Alppell Kriminali (Superjuri) . **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[15] :- *"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata milI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena.* (Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[16] )

Illi fil-kaz odjem tal-appellant Giuseppe Azzopardi , mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm harxa fic-cirkostanzi, kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jekk wiehed iqis l-ammont li gie defrodat l-arte civile Marco Moise.

Illi madankollu kif ġara fil-kaz tal-Appell Kriminali ċitata supra fI-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**, u fil-kaz ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**, jirriżulta li fil-mori tal-appell, I-appellant għamel dak kollu possibbli biex

[13] Deciz mill Qorti tal- Appelli Kriminali nhar l-4 ta' Gunju 1992. Appell Kriminali Inferjuri (VCC) Nru. 108/91
[14] Deciz mill Qorti tal- Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Marzu 2009
[15] Deciz mill Qorti tal Appelli Kriminali sede superjuri nhar is-26 ta' Frar 2009
[16] Deciz mill Qorti tal Appelli Kriminali sede superjuri nhar l-20 ta' Marzu 2009

hallas dak dovut minnu rapprezentanti bilanc minn somma akbar dwar beigh u konsenja ta' irham minghand il-parte civile , u għalhekk illum jista jinghad li proprju seħħet *"ċirkostanza .sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti"*, li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tieħu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk da nil-fattiur ghandu jagħti lok għal temperament fil-piena.
Rat li waqt is-seduta tas-16 ta' Frar, 2021 l-avukat difensur tal-parte civile Dr Marisienne Vassallo iddikjarat li l-patrocinat taghha thallas ghas-saldu ta' kul pretensjoni li setgha kellu fil-konfront tal-appellant odjern u in oltre rat ukoll li l-avukat tal-parte civile iddikjarat li l-parte civile m'ghandux interess fl-esitu ta' dawn il-proceduri .

Għalhekk il-Qorti jidhrilha li dan il-fattur ghandu iwassal lil din il-Qorti biex tara li jkun hemm mitigazzjoni fil-piena specjalment peress li l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati tal-akkuza ta' recidiva.

Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza tad-9 ta' Frar 2018 waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tar-reat ta' frodi u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel akkuza dwar misapproprijazzjoni u fejn illiberat lill-appellant mill-akkuza ta' recidiva u qed thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn kien ikkundannat lill-appellant għal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal Artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta kienu gew sospizi ghal sentejn u minflokk tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta' tlett snin mill illum ai termini tal-Artikolu 22 tal-kap 446 tal-ligjiet ta' Malta.

Tastjeni ukoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billli ma jirrizultax li hemm tali hlas dovut.
(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur